KUNSILL LOKALI SANTA VENRA

# Rapport Annwali Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2019

## Werrej


***Il-Kunsill***

***Il-Hidma tal-Kunsill***

***Konklużjoni***

# 1 Il-Kunsill

## 1.1 Il-Kunsill

Santa Venera skond l-aħħar reġistru elettorali maħruġ f'Ottubru, 2019 huwa raħal b'6289 votant b'popolazzjoni li tisboq is-7,400 ruħ. Għalhekk skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera huwa kompost minn seba' kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu.

Il-Parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentament immexxija minn Aġent Segretarju Eżekuttiv, mgħejjun minn Uffiċjal Eżekuttiv u skrivana. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb illi tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Is-sena 2019, kienet sena mpenjattiva ħafna għall-Kunsill lokali ta' Santa Venera. F'din is sena f'Mejju 2019 kien hemm l-elezzjonijiet tal-Kunslli Lokali fejn ġie elett Kunsill ġdid. Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana, ġie kkonfermat bħala Sindku għat-tieni darba konsekuttiva filwaqt li s-Sur Gianluca Falzon ġie elett bħala l-Viċi Sindku, Dott Darren Catabott bħala l-*Minority Leader* u l-kumplament tal-Membri eletti huma s-Sur Kursten Dimech, is-Sa Courtney Farrugia, is-Sur Joe Vella u s-Sur Silvio Vella.

Il-kariga tal-Kunsill tad-disa' leġislatura daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2019.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li mbagħad jiġu diskussi u jiġu deċiżi waqt is-seduti tal-Kunsill Lokali.

## 1.2 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| *Is-Sinjur Michael Mifsud* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi riżorsi umani u relazzjonijiet mal-kostitwenti u ażjendi kummerċjali |
| *Is-Sur Lino Busuttil* | *Uffiċċjal Eżekuttiv* – Responsabbli għar-relazzjonijiet mar-residenti u ażjendi kummerċjali, permessi, ħlasijiet, ilmenti u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |
| *Is-Sa Annalise Mallia* | *Skrivana* li waqfet milll-impjieg tagħha mal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera f'Novembru 2019 – Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u ażjendi kummerċjali, ħlasijiet, sezzjoni finanzi, bulky u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |

| | |
|---|---|
| *Is-Sinjur Jordan Grech* | Skrivan li beda l-impjieg tiegħu f'Diċembru 2019 – Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u ażjendi kummerċjali, ħlasijiet, sezzjoni finanzi, bulky u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju |

Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Borg | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-Sur Anthony Farrugia | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-Sur Leo Abela | Employment & Training Corporation |
| Is-Sinjorina Maria Dolores Caruana | Employment & Training Corporation |
| Is-Sinjorina Brenda Attard | Employment & Training Corporation |

## 1.3 L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma fuq din l-istruttura:



## 1.4 Sotto Kumitati – Responsabbiltajiet tas-Sindku u l-Kunsilliera

**STEPHEN SULTANA**

a) Infrastruttura u Proġetti Kapitali
b) Kultura u Attivitajiet Soċjali
c) Għaqdiet Lokali
d) Finanzi
e) Awtorita tal-Ippjanar
f) Media Soċjali
g) Aspetti Soċjali

**GIANLUCA FALZON**

a) Fondi UE u Ġemelaġġi
b) Innovazzjoni
c) Relazzjonijiet Pubbliċi
d) Ordni Pubbliku uTraffic Management
e) Ċelebrazzjoni ta' Jum Santa Venera

**DARREN CARABOTT**

a) Indafa
b) Ambjent
c) Żamma ta' Ġonna u Soft Areas

**KURSTEN DIMECH**

a) Żgħażagħ u Tfal
b) Sports u Attivitajiet Fiżiċi
c) Ħarsien tal-Annimali

**COURTNEY FARRUGIA**

a) Edukazzjoni
b) Saħħa
c) Turiżmu

**JOE VELLA**

a) Self Employed
b) Trasport Pubbliku
c) Integrazzjoni Soċjali

**SILVIO VELLA**

a) Anzjani
b) Familja
c) Wirt Storiku

## 2. Il-Ħidma tal-Kunsill

### 2.1 Ħidma tal-Kunsill

Matul din is-sena sar ħafna xogħol fil-lokalita' tagħna flimkien ma ippjanar ta' preparazzjoni sabiex matul is-snin li ġejjin naraw li xogħol siewi f'diversi oqsma jsir f'din il-lokalita'. Kienet sena li matulha, minkejja d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom, ikkonkludejna diversi inizzjattivi li l-frott tagħhom ser jidher matul is-snin li ġejjin.

Infatti l-Kunsill ippjana sabiex isiru mill-ġdid diversi bankini b'fażijiet differenti fejn fl-ewwel fażi l-Kunsill b'mod unanimu ddeċieda li jsiru l-bankini ta' Triq il-Kanun k/m Triq il-Parrocca sa faċċata ta' fejn hemm i-bins, parti minn Triq San Ġorġ, parti minn Triq Abela, Triq il-Kappillan Mifsud, Triq il-Kardinal Sciberras, Triq il-Blata l-Kaħla, Triq is-Soll, Triq Gużè Pace, Triq Brighella u Triq il-Kanonku Bonniċi.

Ix-xogħol fuq dawn il-bankini (liema xog]ol sar mill-Kunsill Lokali) u toroq beda fejn matul is-sena 2019 nbnew mill-ġdid il-bankini ta' Triq San Ġorġ, Triq Kardinal Sciberras u ta' Triq Brighella filwaqt li l-asfaltar li sar ta' Triq San Ġorġ sar minn *Infrastructure Malta*.

Minkejja d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom, il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera huwa ottimist illi Santa Venera tibqa' tgħaddi minn perjodu ta' żvilupp konsiderevoli matul is-snin li ġejjin u fil-fatt qiegħdin nippjanaw illi nkomplu nipparteċipaw f'numru ta' inizjattivi u għajnuniet li l-Gvern qiegħed joffri permezz ta' *Infrastructure Malta* fejn fis-snin li ġejjin ser isir mill-ġdid il-bini ta' diversi toroq oħra. Fuq il-lista fuq quddiem nett hemm Triq il-Kanonku Bonniċi u Triq il-Blata l-Kaħla.

Matul is-sena 2019 il-Kunsill Lokali alloka €30k sabiex jitwaħħlu diversi *CCTV cameras* madwar Santa Venera sabiex issir sorveljanza ħdejn il-*Bring-In Sites* li hemm fi Triq Pietru Dacoutros, Triq il-Kanun, Triq Mons. Depiro u Triq il-Madonna tal-Karmnu. Saru wkoll *CCTVs* oħra fuq il-pont fi Triq Regjonali - ma' l-Istitut Apap, Triq Antonio Miruzzi, Triq San Gorg k/m Triq il-Kanun, Triq Carini u Triq Brighella k/m Triq Abela.

## 2.2 Patching, Tabelli u Sinjali tat-Toroq

Il-Kunsill kompla bil-ħidma tiegħu sabiex jara li tabelli tat-traffiku u s-sinjali tat-toroq ikunu kemm jista' jkun ta' gwida għar-residenti u dawk li jżuru l-lokalita'.

Il-Kunsill Lokali ħadem sabiex jara illi jsir *patching* fejn ikun hemm bżonn. Naturalment, il-Kunsill Lokali huwa ta' l-opinjoni illi ċerti toroq jinħtieġ illi jingħatalhom wiċċ ġdid, pero' minħabba limitazzjonijiet fir-riżorsi finanzjarji dan mhux dejjem ikun possibbli.

## 2.3 *Traffic Management*

Matul is-sena 2019, il-Kunsill Lokali laqqa lir-residenti tal-inħawi ta' Triq il-Brunżar u Triq il-Parroċċa għal possibilta ta' tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku. Minn din id-diskussjoni pubblika,

intlaħaq qbil sabiex Triq il-Parroċċa issir "One Way" bil-kontra. Din għad trid tiġi approvata minn Transport Malta.

## 2.4 Saħħa

F'din is-sena l-Kunsill Lokali flimkien mad-Dipartiment tas-Saħħa ħa ħsieb sabiex isiru laqgħat ta' diskussjoni dwar is-saħħa mid-Dipartiment tal-Kura Primarja.

Din is-sena, bħas-snin preċedenti, il-Kunsill ħa ħsieb sabiex tingħata t-titqiba staġjonali tal-influwenza li ġiet pprovduta mid-Dipartiment tas-Saħħa għar-residenti li għandhom 'il fuq minn 55 sena.

## 2.5 Sports

Matul is-sena 2019 il-Kunsill investa f'*defilbrillator* li huwa apparat elettroniku li jintuża f'każ li persuna ssofri minn xi attakk tal-qalb. Dan l-apparat ingħata b'self u bi ftehim ma St. Veneera Lightnings, St. Venera United Nursery u mad-diriġenti tal-iskola ta' Maria Assunta. Għal dan il-għan sar *memorandum of understangding* iffirmat mill-partijiet kollha konċernati. Apparti minn hekk, sar ukoll taħriġ lill-uffiċċjali li ser ikunu responsabbli.

## 2.6 Ħarsien tal-Annimali

Il-Kunsill bl-għajnuna tas-Sinjura Romina Frendo flimkien ma uħud mill-*cat feeders* oħra minn Santa Venera , sar *neutering* ta' ammont ta' qtates. Apparti minn hekk inxtraw *sheds* u *traps*. F'dan ir-rigward il-Kunsill iffirma ukoll *memorandum of understanding* għal sena fejn il-Kunsill Lokali alloka s-somma ta' €3,000 għal dan il-għan.

F'din is-sena wkoll il-Kunsill Lokali applika wkoll għall-iskema li ħareġ il-gvern C CARE Project - Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita' fejn il-Kunsill Lokali ser jibbenifika minn €8k.

## 2.7 Attivitajiet

L-attivitajiet, matul 2019 ma naqsux u l-Kunsill Lokali jemmen li dawn huma importanti għal diversi raġunijiet. Waħda minnhom hija li permezz tagħhom tkompli tibni s-sens komunitarju għaliex dawn iservu ta' opportunità biex wieħed jinvolvi ruħu fil-ħidma volontarja. Minbarra dan l-attivitajiet iservu biex jesponu l-karattru u l-patrimonju tar-raħal u wieħed japprezza ferm aktar il-wirt li jeżisti. Raġuni oħra hija li b'permezz tagħhom jiżdied aktar il-kummerċ.

Fi Frar 2019 il-Kunsill għamel attivita' karnivaleska li saret fil-parkeġġ tal-Istitut Apap fi Triq il-Kbira San Ġużepp bis-sehem ta' żeffiena. Nistgħu ngħidu li l-konkorrenza għal din l-attivita' kienet tajba fejn ipparteċipaw ġenituri u t-tfal ta' etajiet differenti.

Għal Jum l-Omm l-Kunsill ħa ħsieb sabiex tiġi organizzata quddiesa u festin żgħir ġewwa Istitut Apap għall-anzjani. Din l-attivita' kienet akkumpanjata bil-parteċipazzjoni tas-Soċjeta'Filarmonika Santa Venera VM fejn ittella' kunċert żgħir mill-istess banda.

Fil-11 ta' Mejju ġiet organiżżata l-Isports Day fejn din kienet iddedikata lil Gejtu Briffa li kien attiv fin-Nursery ta' Santa venera fejn ipparteċipaw diversi tfal f'dixxiplini differenti. F'din l-attivita' ppartecipaw ukoll l-Għaqdiet Sportivi kollha tal-Lokal kif ukoll kien hemm il-parteċipazzjoni tal-*frame football*.

Fit-22 ta' Settembru, 2019 saret il-*Car Free Day* fejn fost il-parteċipanti jkunu l-Scouts, Nursery ta' Santa Venera United u l-Judo.

Fil-31 ta' Ottubru saret attivita' tal-*Halloween* mill-Kunsill bil-parteċipazzjoni tal-iskawts fejn Ġnien Romeo Romano ġie trasformat għall-okkażżjoni . Saret ukoll kompetizzjoni tal-isbaħ kostum tal-kbar u l-isbaħ kostum taż-żgħar.

F'jum it-tfal li kien ċelebrat fl-20 ta' Novembru saret attivita' f'Misraħ Santa Venera fejn kien hemm tberik tal-annimali u wara t-tberik saret *treasure hunt* fi Ġnien Romeo Romano fejn kull parteċipant ingħata *goodie bag*.

Fi Ġnien Romeo Romano bejn is-6 u 8 ta' Diċembru 2019 saret attivita' tal-Milied fejn għall-ewwel sena il-Kunsill għamel presepju ħaj bil-parteċipazzjoni ta' madwar 65 attur, purcissjoni tat-tfal, annimali, ikel, xorb, stalls ta'ġugarelli u tal-ħelu relatat maż-żmien ta' festi. Ġiet provduta ukoll trejn bi traġitt bejn Santa Venera u l-Ħamrun.

Fis-26 ta'Diċembru 2019, il-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni ta' St. Venera Lightnings organizza *football tournament* triangolari. F'Diċembru l-Kunsill ħa l-inizzjattiva sabiex isiru it-tiżjin tal-Milied fi Triq il-Kbira San Ġużepp u f'Misraħ Santa Venera. Apparti minn hekk din is-sena l-banda filarmonika Santa Venera daret madwar it-toroq Vendriżi u ndaqqet mużika tal-Milied.

## 2.8 Komunikazzjoni mar-residenti

Minkejja li b'limitazzjonijiet ta' riżorsi, il-komunikazzjoni mar-residenti baqgħet tingħata importanza kbira. Fl-2019 ma naqasx li l-Kunsill ikompli juza' l-mezzi ta' komunikazzjoni moderni bħal ma hija l-paġna uffiċċjali fuq Facebook. Din il-paġna kompliet iżżid fil-popolarità u hija mezz kif isir kuntatt aktar faċli mall-pubbliku. Naturalment ninsabu 'l bogħod milli nkunu qed nolqtu lill-maġġoranza tar-residenti u għalhekk il-Kunsill irid ikompli jaħdem ħalli aktar nies jagħmlu użu minnha.

## 2.9 Tenders

Matul is-sena 2019 il-Kunsill ħareġ diversi tenders bis-sistema l-ġdida tal-ePPS. Dawn it-Tenders kienu:

| | |
|---|---|
| SVLC T/06/18 | Supply,installation and commissioning of CCTV cameras |
| SVLC/T/04/18 | Transport Day Centre for the elderly |
| SVLC/T/03/2018 | Street / Pavement sweeping, weeding and cleaning soft areas, gardens and playing fields |

## 2.10 Jum Santa Venera

Matul l-2019 il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera żamm l-appuntament annwali tiegħu ta' l-14 ta' Novembru - Jum Santa Venera fejn din is-sena l-Kunsill irċieva ħames nominazzjonijiet u n-nominati għall-Ġieħ Santa Venera 2019 kienu Is-Sur Silvio Farrugia, Is-Sinjura Josette Zerafa, Is-Sinjura Elizabeth Vella u l-Kummissjoni Żgħażagħ Palmisti. Wara li ġew mistħarrġa skond il-linji gwida, unanimament il-kumitat qabel li n-nominazzjoni tas-Sinjura Elizabeth Vella kienet tikklassifika ferm 'il quddiem minn nominazzjonijiet l-oħra għall-għoti tal-Ġieħ Santa Venera. Wara l-għażla għall-Ġieħ Santa Venera, l-kumitat irrakomanda lill-Kunsill, sabiex ir-rikonoxximent ta' Mertu Santa Venera jingħata lis-Sinjura Josette Zerafa. Għal ewwel darba ukoll, din l-attivita saret fuq barra u saret fuq in-naħa ta' ġewwa tal-Ġnien Romeo Romano.

## 2.11 Pjanijiet għas-sena 2020

Il-Pjan ewlieni tal-Kunsill Lokali huwa li matul is-sena 2020 jitkompla u jispiċċa l-proġett tal-*Playing Field* tal-Palazz l-Aħmar fejn bil-għajnuna tal-Awtorita' tad-Djar, bil-fondi tal-Development Fund u bil-finanzi tal-Kunsill ser issir *embellishment* ta' din il-playing fejn huwa stmat li dan il-proġett ser ikun jiswa madwar €300,000.

Apparti minn hekk matul is-sena id-dieħla l-Kunsill qiegħed jaħseb sabiex jibqa jaħdem fuq proġetti oħra ta' toroq madwar din il-lokalita'.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill Lokali huwa marbut sabiex fuq kollox ikompli jattwa l-pjan ta' ħidma li sar ghas-snin 2020-2024.

## Konklużjoni

Naturalment huwa impossibbli li tagħti rendikont dettaljat ta' dak kollu li jkun sar u ġara fil-Kunsill iżda tajjeb li wieħed ifakkar li, apparti dan kollu msemmi fuq, il-kunsill, permezz tal-amministrazzjoni, qiegħed jimmaniġġja wkoll diversi kuntratti importanti ħafna u li fosthom hemm il-ġbir ta' skart, it-tindif, marki u sinjali ta' toroq, id-dwal tat-toroq u manutenzjoni tal-ġonna. Ninsab konvint però li b'dan kollu wieħed seta' jieħu idea ċara ta' kemm kienet kbira l-ħidma tal-Kunsill matul din is-sena. Wieħed irid jifhem ukoll li l-Kunsill waħdu ma jista' jagħmel xejn u għalhekk, li kieku ma kienx għall-involviment ta' numru kbir ta' nies, ħafna minn dan ix-xogħol ma kienx jitwettaq. Lil dawn kollha l-Kunsill Lokali jirringrazzjahom għall-ħidma u l-inkoraġġiment tagħhom.

| | |
|---|---|
| **Michael Mifsud** | **Stephen Sultana** |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |

**Ikkonfermati lum:**